MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1161/2010

**Dottor Anthony Bartolo u Sylvana Bartolo f'isimhom proprju u bħala kuraturi *ad litem* għan-nom ta' binhom minuri Thomas Albert Bartolo**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi bin l-esponenti, magħruf bħala "Thomas Albert", twieled nhar l-14 ta' Ġunju 1995 kif jirriżulta mill-Att tat-twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn ħames mija u sitta u għoxrin tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (2526/1995) li qed jiġi anness bħala Dok A.

2. Illi bi żvista, fil-kolonna "Ismijiet mogħtijin", ġew indikati l-ismijiet: 'Thomas, Albert' mentri fil-fatt kienet l-intenzjoni tal-esponenti u tal-parrini tat-tifel ili l-isem jiġi riportat bħala 'Thomas Albert' (isem wieħed mingħajr il-*comma*). *Oltre* għal dan, bin l-esponenti ġie mniżżel fil-kolonna *"Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* fl-imsemmi Att tat-Twelid bħala 'Thomas' meta l-isem li riedu jagħtuh il-ġenituri kien "Thomas Albert" (isem wieħed mingħajr il-*comma*).

3. Illi fil-fatt l-esponenti minn dejjem kienu jsejħu lil binhom Thomas Albert mhux Thomas u fil-ħajja tiegħu ta' kuljum binhom dejjem uża u għadu juża l-isem Thomas Albert.

4. Illi dan huwa saħanstira rifless f'numru ta' dokumenti fosthom, iċ-ċertifikat tal-Magħmudija tal-Paroċċa (kopja annessa Dok B), iċ-ċertifikati tad-demm tat-twelid (kopji annessa Dok Ċ) iċ-ċertifikat tal-Preċett (kopja annessa Dok D), iċ-ċertifikat tal-Griżma tal-Isqof (kopja annessa Dok E) kopja ta' avviż fil-gażżetta tat-twelid ta' binhom (kopja annessa Dok F) u saħansitra rapport maħruġ mill-iskola fejn jattendi t-tifel (kopja annessa bħala Dok G).

5. Illi tali inkonsistenza tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti u lil binhom u għalhekk l-esponenti għandhom interess skond il-liġi *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 illi ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' binhom kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li, prevja, kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi bin l-esponenti, ilu sa minn twelidu magħruf konsistentement bħala 'Thomas Albert' (isem wieħed mingħajr il-*comma*);

II. Konsegwentement tordna illi fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn ħames mija u sitta u

għoxrin tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (2526/1995) isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna 'Ismijiet mogħtijin' l-ismijiet 'Thomas, Albert' jigu sostitwiti bl-isem 'Thomas Albert', kif ukoll fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' l-isem 'Thomas' jiġi kanċellat u sostitwit bl-isem 'Thomas Albert' (isem wieħed mingħajr il-*comma).*

III. Tordna illi, *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16, dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għal bin l-esponenti.

Bis-subizzjoni tal-intimat.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fit-2 ta' Diċembru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġuranta qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponenti jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħhjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkiena mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tal-minuri huwa magħruf bħala Thomas Albert kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jridu jressqu <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħhom ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Thomas Albert u mhux Thomas;

4. Illi bla ħsara għal premess biex it-tielet talba attriċi tkun tista' tintlaqa' r-rikorrenti, a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jispeċifikaw n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huma qeghdin jagħmlu riferenza għalihom;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Anthony Bartolo, li kien għamel dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qigħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-atturi;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-minuri rappreżentat mill-atturi nomine dejjem issejjaħ Thomas Albert u għalhekk it-talba hija ġustifikata. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m'għandhux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------